

V

(Avviżi)

**PROCÉDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI**

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA**

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.6448 – OPTrust/PGGM/Global Vía Infraestructuras/Globalvía)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/C 380/04)

1. Fl-20 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriżi OPSEU Pension Plan Trust Fund, (“OPTrust”, il-Kanada), PGGM NV (“PGGM”, il-Pajjiżi l-Baxxi) u Global Vía Infraestructuras (“Global Vía Infraestructuras”, Spanja) ikkontrollata b'mod konġunt minn Fomento de Construcciones y Contratas, SA, u Corporación Financiera Caja Madrid, SA, jakkwistaw skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdien kontroll konġunt ta’ Globalvía Inversiones (“Globalvía”, Spanja) permezz ta’ kuntratt.

2. L-aktivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal OPTrust: ġestjoni tal-fondi tal-pensjoni għal Ontario Public Service Employees Union,
- għal PGGM: ġestjoni tal-fondi tal-pensjoni fil-Pajjiżi l-Baxxi,
- għal Global Vía Infraestructuras: kostruzzjoni u ġestjoni ta’ konċessjonijiet infrastrutturali,
- għal Globalvía: kostruzzjoni u ġestjoni ta’ konċessjonijiet infrastrutturali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdien. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta’ ċerti konċentrazzjoni jiet taħbi ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdien<sup>(2)</sup> ta’ min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħbi il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament tal-KE dwar l-Għaqdien”).

<sup>(2)</sup> ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 (“Avviż ta’ proċedura simplifikata”).

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6448 – OPTTrust/PGGM/Global Vía Infraestructuras/Globalvía, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---